**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Marzu 2023**

Rikors Numru: 531/22 AL

A M B

vs

C D

(M.R. Numru 339/2016)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) bir-rit civili u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmistax (2018) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Luca Burlò (anness u mmarkat "Dok A");

3. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minkejja li l-partijiet ilhom legalment separati ghal erba’ snin u nofs, illum il-gurnata jghixu hajja totalment separati minn xulxin;

4. Illi stante li l-partijiet m’ghandhomx tfal bejniethom, m’hemm l-ebda obbligu ta’ manteniment lejn l-ulied u lanqas lejn xulxin (ara klawzola 4 tal-kuntratt anness);

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta’ Jannar 2023;

Semgħet lill-intimata preżenti fl-awla u fuq domanda tal-qorti twieġeb li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Marzu 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.